MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 63/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**VS**

**MARLON CAMILLERI**
**SEAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marlon Camilleri, ta' 23 sena, bin Angelo u Carmen nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Gunju, 1983, residenti fil-fond imsejjah Moonlight, Triq il-Maggur Anthony Aquilina, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 309983(M);
U Sean Zammit, ta' 14-il sena, bin Anthony u Jacqueline nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar il-31 ta' Mejju, 1992

residenti fil-fond numru 19, Triq Sant'Antnin, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 276892 (M);

Akkuzati talli:

1. Nhar it-23 ta' Jannar, 2007 ghall-habta tas-2.30am, fi Triq l-Gharghar 1979, Qormi, ikkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer, minn vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JAB 291 ghad-detriment ta' Roderick Bugeja, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 263a, 270, 271g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Marlon Camilleri wahdu akkuzat talli:**

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni JAB 291, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda inqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00), ghad-dannu tas-sid Roderick Bugeja, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta'

4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definitttivi u ma jistghux jigu mibdula, liema sentenzi inghataw mill-Magistrat Dr A Mizzi LL.D. nhar it-18 ta' Marzu, 2004 u mill-Magistrat Dr Miriam Hayman nhar il-25 ta' Frar, 2005.

**Sean Zammit wahdu akkuzat talli:**

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement irrenda ruhu komplici ta' delitt billi ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, liema delitt jikkonsisti fi hsara volontarja ta' vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JAB 291, ghad-detriment ta' Roderick Bugeja, liema hsara taqbez il-valur ta' Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda mhux iktar minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), u dan bi ksur tal-Artikolu 42d, 325 (1b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara il rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 271, 334, 325, 49, 50, 289, u 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati f 'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imsemmija Marlon Camilleri u Sean Zammit hatja, u ghaldaqstant tikkundanna Marlon Camilleri ghal sentejn prigunerija;
U tordna li Sean Zammit jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------